# LILL-MADONNA TA' LOURDES
# F'EGĦLUQ IL-ĠUBLEW TA' L-1933

26-28 ta' April 1935

Ħares, Madonna: fuq il-ġnus ħosbiena
  għaddejja sħaba sewda, berreqija:
  kulħadd imbażżà' qiegħed jitlob ħniena,
  biex l-Ewropa ma tmutx f'baħar ta' dmija.

Għax aħna nafu li Sultan-il-ħiena
  iħaddem moħħu w qalbu fil-ħruxija;
  u jekk ilbierah kienu l-għodda ħżiena
  tal-ġlied, il-lum saru bla tarf waħxija.

Inti li taf kif jiżen il-Mulej,
  u taf kif jgħabbar in-nirien tal-Qilla
  bl-ilma tal-Ħajr, meta tibki l-Indiema,

tħallix, Madonna, li tintemm fix-xej'
  it-Talba tal-ġwejdin: miktub ewwilla
  li qatt id-dinja m'għandha jkollha SLIEMA?

Nhar Ħamis-ix-Xirka